MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 178/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Sammut)**
**Vs**

**Ryan Dimech**

**Il-Qorti:**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :**
**1) fil-Pieta', fit-30 ta' Marzu, 2001, ikkommetta serq ta' pompa ta' l-arja minn go karozza tat-tip Fiat Punto, bin-numru KEL-111, liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa;**
**2) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi ghamel hsara fil-bibien tal-karozza Fiat Punto, bin-numru KEL-111, ghad-dannu**

**ta' Ronald Kelly, liema hsara tiskorri l-LM50 izda mhux il-LM500.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-20 t'Awissu, 2004, li biha wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269, 271 u 325(b) tal-Kap. 9, sabet lill-appellat hati w ikkundannatu mitejn lira Maltija (LM200) multa illi ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur u jekk irid jista' jhallas b'rati kull xahar basta sa sitt xhur ikun hallas kollox.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fis-7 ta' Settembru, 2004, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellat hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil Ryan Dimech ghal multa ta' mitejn lira (LM200) pagabbli fi zmien sitt xhur, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jikkonsisti fis-segwenti w cioe' li L-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti l-piena ta' multa fil-kaz odjern. L-artikoli 278 u 325 tal-Kodici Kriminali ma jikkontemplawx il-piena tal-multa izda biss il-piena ta' prigunerija . Meta l-ligi tipprospetta l-prigunerija bhala piena minghajr ma tikkommina bhala alternattiva l-piena tal-multa , l-uniku mezz li bih Qorti tista' taghti piena ta' multa hija bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-imsemmi Kodici , u cioe' fejn ikun hemm ragunijiet specjali u straordinarji . Fil-kaz odjern ma jirrizultaw ebda tali ragunijiet u ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tinzel taht il-minimum prevvist mill-ligi . Inoltre fil-kaz tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 278 tal-Kodici Kriminali , liema dispozizzjoni tapplika ghal dan il-kaz, il-ligi addirittura tghid li l-piena ma tinghatax fil-minimu taghha w allura *multo magis* taht il-minimum . Ghalhekk il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma kienetx fix-xorta jew fil-kwantita' taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reati ammessi mill-appellat;**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti**

**Semghet it-trattazzjoni ;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali jidher pjenament gustifikat ghaliex ir-reati ammessi mill-appellat ma humiex punibbli bil-multa izda biss bil-prigunerija . Hu pacifiku fil-gurisprudenza li biex Qorti taghti piena taht il-minimu , irid ikun hemm "**ragunijiet specjali u straordinarji li jridu jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza" **. Fil-kaz in ezami , apparti li ma saret ebda referenza ghall-applikazzjoniji tal-artikolu 21 mill-Ewwel Qorti , mkien ma ssemma li kien hemm xi raguni specjali jew straordinarja li setghet twassal biex il-Qorti taghti piena izghar minn dik stabilita mill-ligi ghar-reati ammessi. L-unika motivazzjoni li tat l-Ewwel Qorti kienet li *"Stante li l-akkuzat ghamel tajjeb ghall-hsara u ammetta fi stat bikri* ". Issa dawn fil-fehma ta' din il-Qorti , anki kieku kellhom jirrizultaw , mhumiex ir-ragunijiet specjali w straordinarji li trid il-ligi.**

**Illi apparti dan kollu, mhux talli ma jidhirx li ma kienx hemm ragunijiet specjali w straordinarji biex l-Ewwel Qorti tinzel taht il-minimu tal-piena preskritt mill-ligi, imma kollox anzi kellu jindika l-kuntrarju. Di fatti l-appellat ghandu fedina penali mill-aktar refrattarja . Hu kien instab hati ta' serq kwalifikat bil-mezz , valur w x-xorta tal-haga misruqa w hsara volontarja fl-istess u mpoggi taht probation ghal zmien sentejn fil-1993. Rega nstab hati ta' tentattiv ta' serq ta' flus, ta' serq iehor kwalifikat bil-valur, vjolenza numerika , mezz, hin , li dahal go dar privata f' okkazzjoni ohra , ta' danni volontarji f'okkazzjoni ohra , ta' serqiet ohra kwalifikati bil-mezz u l-hin u li kiser il-kondizzjoni tal-probation imposta fuqu w rega' tpogga taht probation ghall-sena fil-1996 . Rega instab hati ta' sewqan bla licenzja w insurance b' manjiera traskurata w li naqas**

**jobdi l-ordni legitima tal-Pulizija w li ma tax il-particulars tieghu lil Pulizija u kkundannat multa ta' LM25 fil-1997. Rega gie misjub hati ta' serq kwalifikat bil-mezz, vjolenza numerika, u hin u li kiser il-kondizzjonijiet tal-probation imposti fuqu w ikkundannat 9 xhur prigunerija, fil-1998. Wara din is-sentenza inspjegabbilment gie kundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghall-erba snin taht is-supervizzjoni ta' Probation Officer wara li rega instab hati ta' serq kwalifikat bil-vjolenza , mezz, valur li jeccedi l-LM1000 , sekwestru tal-persuna u li kien fil-pussess ta' arma regolari u serq iehor ta' vettura kwalifikat bil-mezz, valur , hin u xorta tal-haga misruqa u dan fis-sena 2000. Il-Qrati regghu urew altru milli klemenza inspjegabbli mieghu meta fis-sena 2001 rega' nstab hati ta' serq ta' flus li jeccedu l –LM1000 kwalifikat bil-vjolenza , mezz, valur u lok u mill-gdid ta' sekwestru tal-persuna u serq ta' vettura kwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur u lok u bix-xorta tal-haga misruqa u waqt li kien fil-pussess ta' arma tan-nar u danni volontarji . Hawn regghet inghatat sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija. Inoltre l-appellant kien ukoll instab hati ta' numru konsiderevoli ta' reati inqas gravi tat-traffiku, glied, hebb, eccettera.**

**Meta il-fedina penali tal-appellat kienet quddiem l-Ewwel Qorti (ara fols. 3 sa 17 tal-process) hu proprju inspjegabbli kif, b'fedina penali bhal din, l-Ewwel Qorti setghet biss tikkontempla li din id-darba addirittura tinzel taht il-minimum fl-erogazzjoni tal-piena.**

**Illi dwar l-ammissjoni bikrija jirrizulta li nonostante li l-kawza kienet ilha li bdiet mit-30 ta' Mejju, 2002, u li kien l-appellat kien ammetta l–htija tieghu mall-Pulizija fl-istqarrija tieghu (Fols 39 sa 41), kien biss fis-seduta tad-29 ta' Lulju, 2004, (Fol. 37) li l-appellat irregistra ammissjoni w dan wara sensiela ta' differimenti , uhud mitluba mill-Prosekuzzjoni w uhud provokati minn-nuqqas ta' attendenza tal-appellat stess quddiem l-Ewwel Qorti. Ghalhekk hawn non si**

**trattava ta' xi ammissjoni bikrija li b' xi mod setghet koncepibbilment twassal lill-Ewwel Qorti biex tikkonsidra biss li tinzel taht il-minimu tal-piena ffissata bil-ligi.**

**Fl-ahhar nett din il-Qorti tqis li l-ahhar piena li ghandha tinghata lil persuna li tkun abitwata fid-delitt tas-serq - kif indubbjament huwa l-appellat – hija piena pekunjarja. Dan ghaliex tali piena minnflok trazzan il-vizzju tas-serq, tista' tkun kontroproducenti billi addirittura tista tistiga lill-hati li jirrikorri ghal serq iehor biex isib il-mezzi kif ihallas tali piena pekunjarja.**

**Ghalhekk taht kull aspett jidher li l-Ewwel Qorti ma kellha ebda gustifikazzjoni biex tati l-piena erogata .**

**Illi skond l-artikolu 278 (3) fil-kaz ta' persuna li tkun hatja ta' serq ikkwalifikat bil-mezz li jkun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew izjed mill-kwalifiki l-ohra kif inhu f' dan il-kaz cioe' tal-lok u l-haga misruqa , l-piena minn hames xhur sa tlitt snin tizdied bi grad u ma tinghatax fil-minimum taghha . Dan ifisser li l-piena ghar-reat ta' serq ammess mill-appellat taht l-ewwel imputazzjoni kien ta' bejn seba xhur sa' erba snin u l-piena ma tinghatax fil-minimum, li jfisser li ghall-inqas irid ikun fiha terz tad-differenza bejn il-minimu u l-massimu li f' dal-kaz tigi 13 il-xahar u ghoxrin jum bhala minimu w erba snin bhala massimu. Inoltre skond l-artikolu 325 (b) il-piena ghad-danni volontarji hi minn hames xhur sa sena . Dan igib li bl-applikazzjoni tal-artikolu 17(b) tal-Kap.9, il-piena ghall-ewwel reat li hu r-reat l-aktar gravi tista tizdied b' minimu ta' hamsin jum u massimu ta' sitt xhur ohra fuq dik gja imsemmija ghar-reat ta' serq.**

**Ghalhekk l-appell tal-Avukat Generali qed jigi milqugh u l-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellat hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu w billi tirrevokaha fejn ikkundannatu li jhallas multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) illi kellha tithallas fi zmien sitt xhur minn dak in-nhar tas-sentenza w minflok, wara li rat l-artikoli**

**261, 263, 269 271 278 (3) , 325 (b) u 17 (b) u 20 tal-Kap.9. u qieset il-kondotta precedenti tal-appellat , tikkundannah ghall-piena ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------